# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 20 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Revoka Numru: 544/2017 JPG**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 611/2017, fl-ismijiet:**

**Ultralux Furniture Ltd (C35877)**

**VS**

**Schembri Infrastructures Ltd (C17388)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 16 ta' Gunju 2017, ta' Schembri Infrastructures Ltd, li jaqra hekk;

1. *Illi permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' April, 2017 gie ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq talba tal-attrici Ultralux Furniture Ltd (C35899) kontra s-socjeta' esponenti ghas-somma ta' mija u hamsa u sebghin elf Ewro (€175,000).*

2. *Illi l-esponenti ser turi, permezz ta' dan ir-rikors illi :*

a. *Is-socjeta' sekwestranti m'ghandhiex id-dritt prima facie ghas-somma li tixtieq tikkawtela;*

b. *Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, is-socjeta' sekwestranti ghandha fi kwalsiasi kaz tesercita' d-dritt taghha ghall-iskopijiet intizi mill-ligi u mhux ghal*

*skopijiet ohra. Fil-kaz odjern, kemm l-esponenti kif ukoll is-socjeta' sekwestranti huma assigurati minn socjetajiet reputabbli ta' assikurazzjoni;*

c. *Fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju, is-somma kawtelata permezz tal-mandat ta' sekwestru surreferit hija wahda esagerata u minghajr bazi fil-ligi.*

d. *Ghalhekk il-mandat fl-ismijiet premessi mhuwiex gustifikat skond il-ligi u ghaldaqstant ghandu jitnehha.*

e. *L-effetti tal-mandat odjern effettivament frizaw il-kontijiet tal-esponenti bir-rizultat illi f'kaz li l-istess mandat ma jigix imnehhi, hija ser issofri danni sostanzjali pendenti l-ezitu tal-kawza u ghalhekk is-socjeta' sekwestranti ghandha tati garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghad-danni kkawzati lill-esponenti bl-istess mandat.*

3. *Illi jigi rilevat illi l-akkadut li fuqu qieghda tibbaza l-pretensjoni taghha s-socjeta' sekwestranti Ultralux Furniture Ltd ('Ultralux') sehh biss ftit ta' xhur ilu, u cioe fl-ahhar ta' Jannar tas-sena 2017. L-akkadut sehh meta l-esponenti kienet qieghda taghmel xogholijiet fil-vicinanzi, inkluz fuq rampa adjacenti ghall-propjeta' ta' Ultralux. Madanakollu, anke fuq bazi prima facie huwa car u manifest il-fatt illi l-esponenti ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghad-dannu allegatament soffert mis-sekwestranti. Dan jirrizulta bic-car kif ser jigi spejgat hawn taht.*

4. *Illi permezz tar-rikors guramentat tas-sekwestranti li gie presentat kontestwalment mal-mandat odjern, Ultralux tallega illi waqt li l-esponenti kienet qieghda tesegwixxi xoghol fuq rampa li taghti ghall-propjeta' taghha, hija halliet dik ir-rampa minghajr konkos bil-konsegwenza li dahal ilma fil-propjeta' ta' Ultralux u fuq dan il-bazi l-istess Ultralux tallega illi hija sofriet hsarat.*

5. *Illi s-sekwestranti qieghda tibbaza l-pretensjoni taghha fuq il-fatt illi dahal ilma fil-propjeta' taghha. L-allegazzjoni da parti tal-attrici hija illi l-fond in kwistjoni ghereq u huwa sofra d-danni relattivi konsegwenza tax-xoghol li kienet qieghda tesegwixxi l-esponenti. Madanakollu huwa car u manifest illi l-binja propjeta' ta' Ultralux ma kellhiex il-prekawzjonijiet bazici biex tilqa' kontra d-dhul tal-ilma.*

*Filfatt, minkejja l-fatt li l-istess propjeta' hija effettivament basement, il-binja la kellha tikhil u lanqas membrane kif titlob is-sengha u l-arti.*

6. *Illi meta l-esponenti skavat parti zghira hdejn il-binja, Ultralux inkarigat terz sabiex jaghti l-membrane fuq dik il-parti li kienet mikxufa. Madanakollu, tali xogholijiet mit-terz saru biss fuq parti zghira mill-binja. Mill-bqija kollox baqa' kif dejjem kien. Dan jirrizulta bic-car sahansitra mir-ritratti mehuda ftit jiem qabel l-incident, u li qieghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok A.*

7. *Illi mal-parametru tal-binja hemm gandott (li ma kellu xejn x'jaqsam max-xogholijiet tal-esponenti u lanqas ma gie skavat minnhom). Huwa evidenti illi l-ilma ingabar f'tali gandott u skula fil-binja mill-genb tal-binja li ma kellux ilqugh kontra l-ilma kif gia inghad.*

8. *Illi filfatt tant huwa minnu li l-istess Ultralux minn dejjem kienet taf ben tajjeb illi kien jidhol l-ilma fil-propjeta' taghha, li hija kellha diversi pompi tal-ilma intizi sabiex jitfghu l-ilma li kien li jiskula fil-propjeta' 'il barra.*

9. *Illi fis-sitwazzjoni, seta' jigi facilment pervedut il-fatt illi l-binja kif kienet ma setghetx tilqa' kontra l-ilma. Ma ghandux ikun kontrovers il-fatt illi l-propjetarju tal-fond huwa responsabbli sabiex jaccerta ruhu illi l-istess fond jinzamm fi stat tajjeb u sabiex jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha mitluba skond is-sengha u l-arti sabiex jigu evitati hsarat lill-istess fond. Huwa naturali illi f'kaz li l-propjetarju jonqos milli jaghmel dan, huwa jkun responsabbli ghall-hsarat sofferti minnu stess.*

10. *Illi jirrizulta anki fuq livell prima facie illi fic-cirkostanzi s-socjeta' esponenti ma' tista' qatt tinzamm responsabbli ghall-hsarat allegati mis-sekwestranti.*

11. *Illi dan huwa car u manifest.*

12. *Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz odjern, is-socjeta' sekwestranti taf ben tajjeb illi kemm hi u kif ukoll l-esponenti huma koperti b'poloz validi ta' assigurazzjoni minn kumpanniji ta' assigurazzjoni reputabbli.*

13. *Illi filfatt meta gie intavolat il-mandat odjern u l-kawza relattivi, il-partijiet kienu lkoll ghadhom fl-istadju illi jiddiskutu mas-socjetajiet tal-assigurazzjoni. Dan ukoll tenut kont tal-fatt illi l-akkadut relattiv sehh relattivament ricentement.*

14. *Gie ritentut ripetutament mill-Qrati taghna illi l-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biss biex jigu salvaguardati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux, per ezempju, biex jaghmlu pressjoni fuq u biex jissikkaw il-pretiz debitur. Lanqas ma jistghu jintuzaw bhala arma f'xi pika jew bi hsieb malizjuz iehor.*

15. *Ghalkemm Kreditur ghandu dritt li jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero, bhal kull dritt iehor, ghandu jezercita dan id-dritt bil-qies. Kreditur ma jistghax jabbuza mid-dritt tieghu semplicement ghax f'mohhu jezisti kreditu u jitlob il-hrug tal-mandat. Anzi, il-kreditur ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk nara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati ma ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorsjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista' u ghandu, jigi sanzjonat bl-impozizzjoni ta' penali (Ara "Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et", PA/TM, 3 ta' Lulju 2003).*

16. *Illi fil-kaz odjern, huwa car illi l-mandat odjern ma kienx necessarju sabiex jigu kkawtelati l-pretensjonijiet tas-socjeta' Ultralux stante l-fatt illi l-kumpanniji ta' assigurazzjoni in kwistjoni huma kumpanniji ta' reputazzjoni tajba u li wiehed ragionevolment jistenna illi jonoraw il-poloz relattivi u jhallsu d-danni skond l-istess f'kaz ta' kundanna mill-Qrati nostrani. Huwa difficli wiehed jifhem, fil-kuntest ta' sitwazzjoni fejn kuntrattur huwa kopert b'polza valida tal-assigurazzjoni, xi htiega realistika kien hemm sabiex jinhareg il-mandat odjern.*

17. *Illi ladarba s-socjeta' attrici ma tissodisfax, almenu fi grad prima facie, kif titlob il-ligi, illi l-ammont minnha reklamat huwa gustifikabbli, isegwi ili l-mandat odejrn ghandu jitnehha. Di piu jirrizulta bic-car illi filfatt l-unika raguni ghalfejn ittiehed il-mandat kien biss sabiex jesercita' pressjoni fuq l-esponenti.*

18. *Illi fi kwlasiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjoni ta' Ultralux kif kwantifikata fil-mandat odjern, hija wahda ghal kollox esagerata u minghajr bazi. Dan jirrizulta bl-aktar mod palez mil-Loss Adjusters Reportipprezentata mill-kumpanija assikuratrici Mapfre Middlesea plc, ezibita bhala dokument MMS2 mar-risposta guramentata tal-istess kumpannija assikuratrici. Minn dan ir-rapport jirrizulta li l-claim maghmula kienet fl-ammont ta'€125,521 u cioe €50,000 anqas mill-ammont mitlub permezz tal-mandat odjern. Di piu il-Loss adjuster ikkalkola li d-dannu soffert ma setghax jeccedi l-ammont ta'**€61,000** u dan ghar-ragunijiet dettaljati kontenuti fir-rapport tal-Loss Adjuster, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B.*

19. *Jigifieri filwaqt li hemm prova prima facie li d-dannu ma ghandux jeccedi s-somma ta'€61,000 l-istess rikorrent ipprezenta mandat ta'sekwestru fl-ammont ta'€175,000 u cioe €110,000 aktar minn dak li jista jkollu claim potenzjali ghaliha.*

20. *Illi huwa evidenti f'dan kollu li l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhux prima facie gustifikat. Jidher li l-attur ipprezenta l-mandat wara li sar ir-rapport tal-loss adjuster u kwindi ghandu jaf li t-talba tieghu mhux biss hija eccezziva izda lanqas ma hi sorretta minn provi reali u li l-mandat inhareg frivolosament. Dan ifisser li l-mandat inhareg in mala fede u hemm ragunijiet serji u gravi li jirrikjedu li l-mndat jigi revokat jew ghall-inqas ridott ghall-ammont in kwistjoni.*

21. ***Illi ghalhekk, is-socjeta' esponenti tissottometti bir-rispett li abbazi tal-artikolu 836(1)(b)(d) u (f) tal-Kap 12, l-esponenti ghandha d-dritt li titlob li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-mandat fl-ismijiet premessi.***

22. *Illi di piu u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mandat ta'sekwestru odjern kellu l-effett li jiffriza il-kontijiet tal-esponenti sal-ammont ta'€175,000. Dawn huma flejjes li l-esponenti tuza fil-kors tan-negozju taghha u li ghandha bzonn fin-negozju taghha ta'kuljum.*

23. *Biex tkun tista tkompli topera l-esponenti ser ikollha tottjeni ammont korrispondenti ghall-ammont iffrizat mill-bank bhala self. Huwa ovvju li dan ser*

*jikkomporta spejjez u imghaxijiet addizjonali li ser ikollhom jithallsu mill-esponenti. Dan is-self ikollu isir anke jekk tinghata garanzija mis-sekwestrata u dan ghaliex ovvjament il-bank ikun irid li l-somma garantita minnu tkun koperta b'assi li jaghmlu tajjeb.*

24. *Illi jekk wiehed jikkunsidra rata ta' 6% dan ikum ifisser li kull sena l-esponenti ser tkun qed titlef is-somma ta' €10,500. Tul medda ta' tminn snin (zmien li wiehed jista jassumi li din il-kawza tista ddum biex tinqata definittivament bl-appell) din is-somma titla ghal €84,000. Is-somma ta' €84,000 hija ghalhekk dannu li wiehed ragjonevolment ghandu jikkonsidra li ser tkun sofferta mis-sekwestrata tul il-kors tal-kawza.*

25. *Illi l-esponenti ghalhekk, bil-mandat in kwistjoni, qieghed isofri danni, liema danni huma minimamanet kwantifikabbli fis-somma ta'€10,500 ghal kull sena li l-mandat jibqa in vigore.*

26. *Illi l-esponenti ghalhekk tghid li hemm raguni tajba sabiex din l-Onorabbli tiffissa garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghal dawk id-danni li l-esponent ser isoffri kagun tal-mandat, liema danni jirrizultaw anke mad-daqqa ta'ghajn minn dan ir-rikors. U fil-fatt l-esponenti ipprezentat kontro talba fil-kawza fl-ismijiet premessi fejn talbet il-likwidazzjoni u il-kundanna tas-sekwestranti Ultralux Furniture Limited ghad-danni naxxenti mill-hrug tal-mandat ta' sekwestru.*

27. *Ghalhekk jokkoru l-elementi kollha sabiex din l-Onorabbli Qorti tiffissa garanzija xierqa a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap.12.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi u dawk li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh:*

1. *Thassar u tirrevoka in toto jew parzjalment il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(b), (d) u (f) tal-Kap 12;*

2. *Fi kwalsiasi u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap 12, tiffissa garanzjia xierqa biex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-*

*intimati kagun tal-mandat ta'sekwestru premess u tordna t-thassir tal-mandat f'kaz li l-garanzija imsemmija ma tinghatax fit-terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop*

3. *Bl-ispejjez kontra is-sekwestranti.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota, datata 4 ta' Lulju 2017 ta' Ultralux Furniture Limited (C35877), b'risposta għar-rikors imressaq mis-soċjetà sekwestrata fis-16 ta' Ġunju 2017, vide fol 22 et seq, li taqra hekk;

1. *Fir-rikors tagħha, is-soċjetà sekwestrata tiddikjara illi t-talbiet tagħha qegħdin isiru* ***abbażi tal-artikoli 836 (1)(b), (d), u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta****. Titlob ukoll illi din il-Qorti tiffissa garanzija għal xi allegati danni illi hija qed tgħid li sofriet minħabba l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru li qegħda tikkontesta permezz ta' dan ir-rikors.*

2. *Fir-rikors tagħha, is-soċjetà eżekutata għażlet illi ma tindirizzax sekwenzjalment l-artikoli abbażi liema qegħda ssir it-talba, iżda minflok, indikat numru ta' "raġunijiet" (fit-tieni paragrafu tar-rikors) u mxiet magħhom. Imbagħad fl-aħħar tar-rikors, għamlet riferenza għas-subinċiżi (b), (d) u (f) tal-artikolu 836 (1), presubilment, għaliex tqis hi illi l-argumenti minnha magħmula fil-korp tar-rikors possibilment jirrijentraw fir-raġunijiet mogħtija mil-liġi. Is-soċjetà sekwestranti sejra timxi bl-istess sekwenza.*

*<u>L-Inklużjoni ta' Mapfre Middlesea plc</u>*

3. *Bħala punt preliminari proċedurali, jingħad illi r-rikors odjern sejjer jinstema f'din il-Qorti bħala l-istess Qorti li qegħda titratta l-kawża prinċipali (ai termini tal-artikolu 836 (1)). Minkejja dan, parti mill-partijiet fil-kawża tħalliet barra, ċioè is-soċjetà Mapfre Middlesea plc. Din l-Onorabbli Qorti jeħtieġ tikkunsidra jekk ikunx opportun illi ssir id-debita*

*korrezzjoni biex tiġi inkluża din is-soċjetà u tagħmel l-argumenti tagħha għal kull interess li jista' jkollha.*

*Il-Fatti*

*4. L-ewwel nett, tajjeb li jingħad illi id-danni reklamati mis-soċjetà eżekutanti twieldu mill-fatt illi fix-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax, kien qieghed isir xogħol ta' skavar ma' ġenb il-fabbrika tas-soċjetà eżekutanti, ossia il-fabbrika numru 125, fiz-zona Industrijali, f'Ħal Luqa. Dan ix-xogħol kien qiegħed isir minn Schembri Infrastructures Limited għan-nom tal-Malta Industrial Parks Ltd., li hija l-entità governattiva li tieħu ħsieb u tamministra z-zoni industrijali f'Malta. Fix-xahar indikat, kienet qed issir triq ma' ġenb il-fabbrika tas-socjetà eżekutanti. Fost ix-xogħolijiet sar xoghol ta' skavar fir-rampa li twassal għal ġewwa l-fabbrika tal-istess eżekutanti. Fil-fatt, ix-xogħol ta' skavar fir-rampa indikata, kien tlesta u r-rampa ġiet invellata bit-torba u preparata sabiex tingħata l-konkos, iżda liema konkos qatt ma ingħata. Tort ta' dan in-nuqqas, wara li għamlet xita, ġew ikkawżati numru ta' danni fil-fabbrika tas-soċjetà eżekutanti. Il-fatti huma rakkontati aħjar fir-rikors ġuramentat preżentat mill-eżekutanti fir-rikors ġuramentat tagħhom. Naturalment, l-esponenti ressqu l-mandat odjern biex jikkawtelaw ruħhom versu d-danni minnhom pretiżi.*

*Il-Prima Facie*[1]

*5. Dwar it-talba għar-revoka, jibda biex jingħad illi minn qari tar-rikors odjern, wieħed faċilment jasal biex jifhem illi din l-Onorabbli Qorti qegħda prattikament* ***tiġi mitluba mis-soċjetà sekwestrata sabiex tagħmel indaġini dettaljata u komprensiva tal-kwistjoni bejn il-partijiet li tat lok għad-danni reklamati fil-kawża, u tiddeċiedi b'mod sommarju b'giljottina il-meritu sħiħ tal-kawża miġjuba quddiemha f'dan l-istadju bikri – kawża li altrimenti tirrikjedi għadd sostanzjali ta' provi, periti tekniċi, u kunsiderazzjonijiet***

[1] Din ir-raġuni enumerata bħala (a) fir-rikors tas-sekwestrati.

***dettaljati ferm, apparti naturalment il-kontroeżamijiet meħtieġa dwar l-allegazzjonijiet miġjuba u d-dokumenti preżentati.***

6. *Indaġini ta' din ix-xorta l-Qorti hija prekluża milli tagħmilha f'talba għar-revoka ta' mandat. L-uniku eżami li tagħmel il-Qorti f'din l-istanza huwa dak biss ta' prima facie, għaliex id-dettalji tal-meritu b'mod sħiħ jistgħu biss jiġu investigati fil-kawża propja wara li sseħħ id-debita proċedura. Din il-proċedura partikolari hija waħda purament preliminari, mgħobbija b'limitazzjonijiet legali sinnifikanti li jħallu lill-Qorti (kemm hija stess, jew ħaddieħor) libera illi ġaladarba mbagħad tisma' l-provi fid-dettall u tiġi segwita il-proċedura sħiħa, tiddeċiedi il-vertenza din id-darba mhux sommarjament, imma bid-dettalji, bil-formalitajiet u bis-solennità mistennija mil-liġi. Ara dwar dan:* ***James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et (17 ta` Marzu 2014 (JPG)).***[2]

7. *Tabilħaqq, il-Qrati tagħna tennew ħafna drabi illi "(l)-istharrig fil-meritu ma jaghmilx bicca mill-kriterji li fuqhom hija (il-Qorti) ssejjes il-konsiderazzjonijiet taghha fi procedura bhal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex misthoqqa jew le, il-pretensjoni tar-ragonevolezza li l-mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh trid tirrizulta minghajr ma ssir indagni fil-meritu."[3] Qalet tajjeb il-Qorti Ċivili, Prim'Awla meta tenniet illi:*

> *Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-meritu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet, liema kawża għadha trid tibda tinstama'.*

---

[2] Ara wkoll per eżempju, *Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et* (10 ta` Mejju 2001); P.*J. Sutters Company Limited vs Concept Limited* (10 ta' Mejju 2001); *Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd* (7 ta' Frar 2001); *L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri et noe et* (3 ta' Awwissu, 2001); *Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et* (29 ta' Novembru, 2001 (RCP)); *Ryan John Farrugia vs Olive Garden Investment Limited et* (3 ta' Settembru, 2012 (JRM)); *C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia (25 t'Awwissu 2014)*; *Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et*(30 ta` April 2015 (LSO)); *Globalair Travel Ltd (C5893) vs Tomie McCarthy gia Makita et* (2 ta' Jannar, 2016 (MH)); *JF Security and Consultancy Services Ltd (C 13768) vs Dipartiment tal-Kuntratti u Kullegg Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknologija* (21 ta` Lulju 2016 (JZM)).

[3] *Desmond Stanley Stewart vs Therese Galea Mangion*, (29 ta' Lulju 2005).

*Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex xieraq li tifli f'din il-proċedura l-meritu tal-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat*[4]

8. *F'rikors ta' din ix-xorta, "l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv".*[5] *Ifisser b'daqstant illi f'din il-vesti, il-Qorti ma tistax tiddeċiedi min għandu u min ma għandux raġun (dak tagħmlu ma' tmiem il-kawża), imma biss jekk kienx hemmx l-elementi mitluba mil-liġi – aktar ta' natura formali minn xejn - għall-ħruġ tal-mandat.*[6]

9. *Mhux hekk biss però; it-talbiet tas-soċjetà eżekutata jippekkaw ukoll fejn magħmula għall-iskopijiet tal-artikoli 836 (1) (b) u 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12. Qiegħed jingħad hekk għaliex biex talba għal revoka taħt dawn is-subartikoli tirnexxi, min jagħmilha jeħtieġ juri illi minn mindu nħareġ il-mandat (f'dan il-każ fl-20 t'April 2017), sal-jum li fih qed issir din it-talba, ikunu nbiddlu ċ-ċirkostanzi abbażi ta' liema l-mandat ġie oriġinarjament milqugħ. Indikanti dan illi dawn l-istess subartikoli rispettivament jitkellmu fuq "...ma tkunx għadha fil-fatt teżisti", u "jinżamm (...) ma huwiex aktar ...". Evidenti in-neċessità tal-bdil fiċ-ċirkostanzi. Ara dwar dan:* ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et*** *(3 t'Awwissu 2001). Ingħad dwar is-subartikolu (f) illi biex dan jiswa bħala ġustifikazzjoni, jeħtieġ illi "...wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa mgħadux il-każ'. Il-Qorti (diversement presjeduta) kompliet tiżviluppa l-argument fid-deċiżjoni*

---

[4] Ara *C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia (545/14JRM – 25 t'Awwissu 2014)*

[5] Ibid.

[6] Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et provvediment moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta` Awwissu 2010 (JRM).

*fl-ismijiet ta'* ***Matthew Grech vs Welcome Auto Dealer Ltd et*** *(24 ta' Novembru 2016), u komplet tfisser illi biex talba għal revoka ta' mandat taħt is-subartikolu (f) tkun tista' tintlaqa', "(e)ffettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli ab initio, jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Sabiex issir din l-analizi* ***wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat.****"*

10. *L-istess meta si tratta dwar is-subartikolu (b). Jgħid dan is-subartikolu illi tkun teżisti raġuni għar-revoka jekk "...waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju* ***ma tkunx għadha*** *fil-fatt teżisti. Ifisser b'daqstant illi hemm presunzjoni legali illi ġaladarba ħareġ il-mandat, il-ħtiġiet tal-liġi kienu kollha jeżistu u huwa biss jekk dawn ma jkunux għadom filfatt jeżistu illi talba bħal din tista' tintlaqa'.*

11. ***Tul ir-rikors odjern, ma nġabet l-ebda indikazzjoni illi inbidlu xi ċirkostanzi li jiġġustifikaw revoka, u għalhekk ukoll, it-talba tar-rikorrenti f'dan is-sens ma treġix, u ma tistax lanqas biss tibda biex tiġi ikkunsidrata.*** *Ifisser b'daqstant illi fejn si tratta di talba taħt is-subartikoli (b) u (f), l-eżami ta' din l-Onorabbli Qorti f'din l-istanza jrid jieqaf hemmhekk.*

<u>*Il-Poloz ta' Assikurazzjoni*[7]</u>

12. *Bla ħsara għas-suespost, is-soċjetà sekwestranti sejra tindirizza issa l-ilment tas-soċjetà sekwestrata illi donnu t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru ma kienx f'loku minħabba illi l-partijiet huma koperti b'polza ta' assigurazzjoni.*

13. ***Dwar dan, jingħad bir-rispett illi l-eżistenza ta' poloz ta' assikurazzjoni (maħruġa minn u miżmuma f'idejn kumpannija terza) ma toffri l-ebda garanzija għall-ħlas bl-istess mod kif jista' joffri mandat ta' sekwestru kawtelatorju.*** *Ma jistax wieħed jinsa illi mandat ta' sekwestru kontra soċjetà*

[7] Din ir-raġuni enumerata bħala (b) fir-rikors tas-sekwestrati.

*illi fi tmiem il-kawża, jista' jiġi miksub titolu eżekuttiv tagħti garanzija ta' esekutività enforzabbli bl-istess strument tal-mandat. Huwa minnu illi buon sens jirrikjedi illi sseħħ is-surroga marbuta mal-polza u jsir il-ħlas –* ***però dan ma huwiex garantit li jsir anke 'l ghaliex il-ħlas b'surroga jiba' dejjem fakoltattiv fuq il-kumpannija assigurattriċi u suġġett f'kull żmien għal eżami ta' fatt, u ċioe' jekk l-assigurat osservax ad unguem il-kondizzjonijeit tal-polza****.*

14. *Min-naħa l-oħra, lanqas hemm xi forma ta' garanzija illi t-titolu eżekuttiv illi tista' ġġib is-soċjetà eżekutanti kontra d-dirett responsabbli jiġi estiż ukoll kontra l-kumpannija ta' assikurazzjoni. X'kien jiġri mbagħad kieku s-soċjetà eżekutanti ma ikkawtelatx ruħha u per eżempju (mhux qiegħed jingħad li għandu jsir hekk) l-kumpannija assiguratriċi tiġi meħlusa mit-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali?* ***Għalhekk: x'tiswa għall-esponenti id-dikjarazzjoni tas-soċjetà sekwestrata illi hija koperta b'polza ta' assigurazzjoni, jekk din ma toffri l-ebda garanzija għall-ħlas f'każ ta' eżitu pożittiv tal-kawża intavolata minnha? X'tagħmel is-soċjetà sekwestranti jekk wara li tirbaħ il-kawża, is-soċjetà ta' assigurazzjoni ma tħallasx?***

15. *Min-naħa l-oħra, dwar l-assikurazzjoni li tkopri lis-soċjetà esponenti, il-fatt illi s-soċjetà esponenti hija assikurata ma ttiha l-ebda garanzija illi hija se titħallas tad-danni sofferti minnha. Barra minn hekk, x'inhu l-argument tas-soċjetà sekwestrata, li għax l-esponenti huma koperti b'polza ta' assigurazzjoni, ma min hija tikkuntratta huwa għal kollox ħielsa minn kull responsabbiltà? Ir-responsabbiltà għad-danni kaġunati, hemm jew ma hemmx assigurazzjoni tibqa' hemm –* ***dan wara kollox in omaġġ tal-prinċipji bażiku provdut fil-liġi illi ksur ta' kuntratt jew danni akwiljani jagħtu lok għal responsabbiltà fil-liġi fuq min ikun responsabbli għalihom****.*

16. *Għalhekk, dan il-kweżit ma jagħmilx raġuni fil-liġi.*

*Is-Somma Kawtelata*[8]

[8] Din ir-raġuni enumerata bħala (ċ) fir-rikors tas-sekwestrati.

17. *Jibda biex jingħad di prinċipju illi kif tajjeb qalet il-Qorti fid-digriet tagħha fl-ismijiet ta'* ***C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia*** *(545/14JRM – 25 t'Awwissu 2014), fejn l-ilment huwa dwar l-ammont kawtelat, "biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed 'eċċessiv', irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont maħsub li jħares lejn dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-kaw ma jistgħux izewġu ma xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jkun jidher li hua xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat il jkun izda, l-izjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat." Ziedet tgħid illi "il-liġi ma titlob imkien li, biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, ir-rikorrenti ifisser kif ikun mibni l-ammont minnu kawtelatat".*

18. *Dwar is-somma ta' €125,521 imsemmija fir-rikors, jingħad illi kwalunkwe taħditiet li saru mas-soċjetajiet assikuratriċi saru* ***mingħajr preġudizzju****, in via di transazzjoni, u bl-intiża illi l-partijiet jaslu għal ftehim li bih ikun kuntent kulħadd. Bl-ebda mod l-ammonti hemm diskussi ma jorbtu l-partijiet illi jitolbu dik is-somma biss f'kawża intavolata wara li t-transazzjoni ma sseħħx.* ***Barra minn hekk, minn mindu saret il-claim sa ma nfetħet il-kawża, id-danni żdiedu b'tali mod li jispjega id-diskrepanza bejn l-ammont klejmjat mal-insurance company u l-ammont mitlub biex jiġi kawtelat.*** *Dan se jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża mal-ingaġġ ta' periti tekniċi. Inċidentalment, dwar dan il-punt, japplikaw il-prinċipji sottomessi preċedentement (u ċioè illi l-Qorti ma tistax issa tiddeċiedi fuq il-meritu, fi stadju daqshekk bikri).*

19. *Dwar l-ammont ta' €61,000 imsemmi fir-rikors, jingħad illi dan l-ammont ma kienx wieħed pretiż mis-soċjetà sekwestranti, iżda wieħed magħmul għall-interess tas-soċjetà Mapfre Middlsea plc, li illum hja konvenuta fil-kawża. Huwa ovvju għaliex dan l-ammont huwa daqshekk baxx; l-entità li inkarigatu (Mapfra Middlesea plc) hija direttament interessata fih għaliex hija tista' finalment tispiċċa biex tħallas. Allura kellha kull interess li tbaxxi s-somma kemm jista' jkun. B'kull rispett jingħad illi ma tistax din l-Onorabbli Qorti tirrevoka mandat abbażi ta' "rapport", preżentat minn u għall-interess* ***ta'***

***parti fil-kawża***, *mingħajr dan ir-rapport ma tkun sarulu d-debiti aċċertament u kontroeżamijiet lill-awtur tiegħu* ***- dan definittivament se jsir tul it-trattazzjoni tal-proċedimetn prinċipali***. *Allaħares kellha Qorti tirrevoka mandat minħabba li parti f'kawża tiddikjara illi hija għandha tħallas anqas – jekk tagħmel hekk, tkun qegħda tirrevoka mandat abbażi ta' rapport peritali ex-parte li qatt ma ġie eżaminat kif suppost. Qed jingħad hekk għaliex il-proċedura odjerna hija waħda* ***preliminari****, u li kif ingħad qabel, timponi għadd ta' limiti proċedurali. Dan kollu jingħad aktar u aktar dan meta meqjus illi dan l-ammont qiegħed jiġi kontestat bil-kbir, u l-fatt illi kienet proprja il-pretensjoni dwar dan l-ammont relattivament miżeru illi temmet għal kollox id-diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar ftehim bonarju.* ***Il-pretensjoni tas-soċjetà sekwestranti hi dik li hi, u ċertament, il-fatt li ħaddieħor lest iħallas ħafna anqas ma tagħmilx ġustifikazzjoni għat-tħassir tal-mandat.*** *Barra minn hekk, kieku l-Qorti tagħmel hekk, tkun hija qegħda tidħol fil-meritu billi tabraċċja "rapport" ex-parte li l-parti l-oħra ma kellhiex opportunità teżamina bil-mezzi mogħtija mil-liġi.*

*Il-Ġustifikazzjoni tal-Mandat*[9]

20. *Dan jidher li kien argument marbut mal-bqija tal-argumenti, u għaldaqstant, japplikaw il-prinċipji diskussi diġà.*

*L-Effetti tal-Mandat*[10]

21. *Jiġi mtenni illi t-talba għall-mandat ta' sekwestru kienet neċessarja. Jiġifieri jekk l-argumenti tas-soċjetà sekwestrata ma jiswewx għat-talbiet tagħha, jiswew biex tiġi sostanzjata it-talba għall-ħruġ tal-mandat tas-sekwestranti. Qiegħed jingħad hekk għaliex ġaladarba dan il-mandat kien tant devastanti għal-likwidità tas-soċjetà sekwestrata,* ***allura sewwa għamlet is-soċjetà sekwestranti li prezentat il-mandat, għaliex b'hekk biss hija setgħet isserraħ rasha illi jekk tirbaħ il-kawża, hija titħallas***. *Ir-rikorrenti ma*

[9] Din ir-raġuni enumerata bħala (b) fir-rikors tas-sekwestrati.
[10] Din ir-raġuni enumerata bħala (e) fir-rikors tas-sekwestrati.

*ressqet l-ebda argument dwar il-likwidità tagħha; għall-kuntrarju anzi, ammettiet in-nuqqas ta' likwidità tagħha,* ***li weħidha, tagħmel il-ħruġ tal-mandat wieħed ġustifikat!***

22. *Min-naħa l-oħra, u mingħajr preġudizzju għal dan, l-istanti jħossu illi magħdud mal-premess, ikun bizzejjed li jagħmlu riferenza għal dak li tenniet il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ta'* ***Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd****, deċiża fis-7 ta' Lulju 2004:*

> *Huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*
>
> *Tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi guridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha fil-kawza.*

23. *Ċertament li f'dan il-mandat m'hemm l-ebda notorjetà; il-mandat magħmul mill-esponenti kien wieħed validu, ġust u meqjus, u li fuq kollox kellu jsir sabiex l-esponenti kemm jista' jkun jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom mill-possibbli tberbiq (u l-konsegwenti insolvibiltà) tal-eżekutati kif ukoll sabiex jevitaw kull tentattiv illi jispustjaw l-assi tagħhom bi preġudizzju għad-drittijiet tal-esponenti u dan in linea ma' dak li ġustament huwa dritt tagħhom skont il-Liġi.*

24. *Imbagħad, l-effetti tal-mandat huwa konsegwenza awtomatika u aċċettata għall-eżistenza tagħhom. L-iffriżar tal-kontijiet ma jista' qatt iservi ta' argument għat-tneħħija tal-mandat għaliex huwa proprju dak l-effett kawtelatorju aċċettat illi huwa jfittex li jikseb. Kif qalet il-Qorti fil-provvediment mogħti fit-2 ta' Jannar, 2016 fl-ismijiet ta'* ***Globalair Travel Ltd (C5893) vs Tomie McCarthy gia Makita et (MH)*** *"Certament ghalkemm att kawtelatorju ma jistax jkun jew isir b'intenzjoni li jivvessa, pero xorta mhux intiz li jaghti pjacir!". Kompliet illi "Il-fatt li gie affettwat kont bankarju taghha huwa konsegwenza logika u legali tal-mandat innifsu mhux raguni ta' l-ilment kif minnha mressaq", u allura, ċertament dawn l-effetti ma jagħmilx raġuni għat-tneħħija tal-istess. Kienet filfatt il-Qorti stess illi identifikat l-iskop tal-mandat fil-provvediment taghha moghti fit-23 ta' Ottubru, 2007 fil-kawza fl-ismijiet* ***Bartholomeo Bonett et vs George Borg et (JRM)*** *"Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-meritu".*

<u>Konklużjoni</u>

25. *Jingħad f'dan l-istadju illi fil-kawża ġjà aktar 'il fuq ċitata,*[11] *il-Qorti sostniet illi "Il-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu".*[12] ***Tali rekwiżiti, fil-vertenza/i in dizamina, ġew kollha sodisfatti, u għaldaqstant ma hemm l-ebda raġuni għaliex dan il-mandat għandu jkun rimoss****. Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jissottomettu 'lli għandu jkun evidenti għal din l-Onorabbli Qorti illi l-ħtiġijiet rikjesti mil-Liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju in kwistjoni filfatt jeżistu; teżisti ġustifikazzjoni prima facie għall-ħruġ tal-mandat odjern u huwa raġjonevoli illi dan jinżamm fis-seħħ. Wara kollox, huwa prinċipju mgħasses mil-Qrati tagħna illi l-mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi*

[11] Ibid. fn. 1
[12] Ibid.

*li hu kreditur. (Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut; Qorti Civili, Prim'Awla; deciza fil-5 ta' Gunju, 2003). Din it-tarka, fil-fehma umili tal-esponenti, ma għandhiex tkun skartata faċilment.*

26. *In konklużjoni, jingħad allura illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ġiet ġustament milqugħa u jistħoqqilha tibqa' fis-seħħ. Min-naħa l-oħra, u b'ġabra ta' dak li diġà ingħad, f'kull każ it-talba għar-revoka ma tistax tirnexxi. Dan għaliex:*

   a. *Fejn it-talba saret taħt is-subinċiżi (b) u (f), it-talba hija insostenibbli għaliex ma nġiebet l-ebda prova jew argument li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi mid-data li inħareġ il-mandat;*

   b. *Fejn it-talba saret taħt is-subinċiz (d), it-talba hija insostenibbli għaliex l-ammont mitluba huwa definittivament prima facie ġustifikat.*

27. ***Fl-għeluq l-esponenti tiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti 'lli qabel ma ġie akkordat il-mandat de quo, kuntrarjament għal dak li spiss wisq jiġri, kienet proprju din l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) illi talbet dawk l-aċċertament kollha sabiex finalment akkordat it-talba għall-ħruġ tal-mandat premess. Wieħed ma jridx jinsa' għalhekk illi t-talba mressqa mill-eżekutati trid tittieħed fil-kuntest tal-fatt illi biex inħareġ il-mandat odjern, l-eżekutanti ġew assoġġettati għal skrutinju ferm u ferm akbar minn dak solitament aċċettat fil-prassi. Dan l-iskrutinju ma għandux jitwarrab faċilment.***

*Għaldaqstant, it-talbiet kollha tar-rikorrenti fir-rikors odjern għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kollha jmorru kontra l-eżekutati.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Edward Anthony Schembri, direttur tas-socjeta sekwestrata,** xehed illi kif kien semgha bil-kawza kien mar fuq is-sit u hemmhekk id-direttur tas-socjeta sekwestranta beda jsemmilu amonti kbar in linja ta' danni, u ghalhekk kien ghamel kuntatt mas-socjeta assikurattiva tas-socjeta sekwestrata, cioe Citadel Insurance, li kienet marret taghmel spezzjoni fuq is-sit dakinahr stess. Qal illi r-rapprezentanti ta' Citadel Insurance kienu qalulu li wasslu ghal somma ta' €90,000. Xehed illi minhabba dan il-mandat gew frizati wkoll kontijiet li fihom s-socjeta sekwestrata qieghda biss bhala *joint venture,* u li ghalhekk il-flus fihom m'humiex biss tas-socjeta sekwestrata izda wkoll ta' socjetajiet terzi.

**In kontro-ezami** xehed illi s-socjeta sekwestranta kienet inizjalment issenjalat is-somma ta' €80,000 bhala l-ammont ta' danni sofferti minnha. Qal ukoll illi d-danni prospettat minnu fir-rikors ghar-revoka huma bbazati fuq assunzjoni li l-kawza bejn il-partijiet iddum ghaddejja circa tmien snin.

**Lawrence Galea, direttur tas-socjeta sekwestranta,** xehed illi s-socjeta sekwesrata kienet qed taghmel xi xogholijiet fit-triq fejn hemm il-proprjeta mikrija minnha, u kagun ta' dawn ix-xogholijiet is-socjeta ntimata soffriet danni li ghalhekk wassalha sabiex tibda proceduri gudizzjarji kontra s-socjeta sekwestrata. Qal illi sal-llum il-gurnata, s-socjeta sekwestranta ma wasslet ghall-ebda konkluzjoni mas-socjeta tal-assikurazzjoni, ghalkemm saret offerta mill-Middlesea Insurance.

**Ikkonsidrat;**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1599/16 ai termini tal-artikolu 836 (1) (b), 836 (1) (d) u 836 (1) (f), kif ukoll ghall-imposizzjoni ta' garanzija kontra s-socjeta sekwestranta.

Illi l-**Artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:-

> ***"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju***

***kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***

***(a) Omisses;***

***(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghada fil-fatt tezisti;***

***(c) Omisses;***

***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew***

***(e) Omisses***

***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.".***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikat, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed** ***prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-****artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12*** *jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll:

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-meritu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-meritu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" – tat-**30 ta` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

B'referenza ghall-ewwel kawzali u cioe' dik mahsuba f'artikolu 836(1)(b), kif jirrizulta mid-

decizjoni fl-ismijiet **Desmond Stanley Stewart vs Therese Mangion Galea**[13], il-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tottjeni l-hrug ta' Mandat Kawtelatorju huma: (a) li jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu; u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu.

Jirrizulta, u mhux kontestat, illi s-socjeta sekwestranta soffriet danni wara xi xogholijiet li ghamlet is-socjeta sekwestrata, ghalkemm is-socjeta sekwestrata qed tikkontesta r-responsabbilita taghha ghall-akkadut. M'huwiex kontestat ukoll illi s-socjeta sekwestranta diga avvanzat din il-pretensjoni taghha permezz ta' proceduri gudizzjarji ghad-danni. Il-Qorti tqis illi ma jirrizultax illi l-mandat impunjat ma jharisx ir-rekwiziti procedurali mitluba mill-ligi ghall-hrug tieghu, u l-ebda prova dwar dan filfatt ma giet imressqa quddiem il-Qorti. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi din il-kawzali ghar-revoka m'hijiex applikabbli fil-kaz odjern.

Is-socjeta sekwestrata talbet ukoll illi l-mandat in kwistjoni jigi rrevokat ai termini tal-artikolu 836 (1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, kif gie osservat fid-decizjoni fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart**[14], il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din il-kawzali [l-Artikolu 836 (1)(d)] huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.

[13] Deciza min din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2005 per Imhallef Dr. J.R.Micallef.
[14] Ibid.

Il-Qorti tqis illi filfatt jirrizulta *prima facie* li s-socjeta sekwestranta ghandha bazi ta' pretensjoni. Dan tant illi m'huwiex kontestat illi wara x-xogholijiet li saru mis-socjeta sekwestrata, s-socjeta sekwestranta soffriet ingress ta' ilma fil-proprjeta mikrija minnha, li kkawza d-danni li ghalihom is-socjeta sekwestranta qed taghmel reklam. Kwistjonijiet dwar jekk is-socjeta sekwestrata hijiex ezonerata mir-responsabbilita ghaliex is-socjeta sekwestranta allegatament ma kienetx hadet il-prekwazjonijiet necessarji biex tipprevjeni tali ingress ta' ilma certament ma jistghux jigu mistharrga minn din il-Qorti, ghaliex dawn jirrigwardaw il-meritu tal-kawza, u ghalhekk imorru oltre l-iskop tal-ezami de quo.

Fir-rigward tal-ammont, il-Qorti tibda biex tirrileva illi mir-rapport ta' Middlesea Insurance pprezentat mis-socjeta sekwestrata, s-socjeta sekwestranta ghamlet *claim* ghal mija u hamsa u ghoxrin elf ewro (€125,000); Middlesea Insurance wasslet ghas-somma ta' circa wiehed u sittin elf ewro (€61,000); filwaqt illi Citadel Insurance, skont ix-xhieda tad-direttur tas-socjeta sekwestrata, kienet lesta li thallas lis-socjeta sekwestranta s-somma ta' disghin elf ewro (€90,000).

Inoltre, il-Qorti rat it-tnaqqis li wettqet is-socjeta assikurattiva minhabba ammonti reklamati mis-socjeta sekwestranta illi skontha m'humiex koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, - cioe' €36,000 minn €56,635 is-somma relatata mal-prodotti li gew dannegjati anke biex jitnaqqas il-*profit margin* ta' 40%; is-somma ta' €19,059, ghaliex ir-rikostruzzjoni ta' hwejjeg dannegjati skontha hija '*consequential loss'* li allura mhux kopert bil-polza; it-tnaqqis fir-*raw materials* u tnaqqis tas-somma ta' €500 bhala *excess*.

Il-Qorti taghraf illi minkejja dan it-tnaqqis, is-socjeta' assikurattiva kienet lesta illi toffri s-somma ta' wiehed u sittin elf ewro (€61,000) hlas ghas-saldo. Illi ghalhekk mill-*claim* ta' mija u hamsa u ghoxrin elf ewro (€125,000) maghmula mis-socjeta' rikorrenti ghandu almenu jitnaqqas is-somma l-aktar konservattiva cioe' dik ta' wiehed u sittin elf ewro (€61,000):- (€125,000 - €61,000 = €64,000). Ghaldaqstant il-Qorti tqis li s-somma ta' erbgha u sittin elf ewro (€64,000) hija s-somma li tibqa' "skoperta" mill-kawtela.

Illi pero jirrizulta li tliet kontijiet bankarji, milquta minn dan is-sekwestru, m'humiex proprjeta esklussiva tas-socjeta sekwestrata u cioe:

1. Il-kont bin-numru BOV 40023419256 li huwa intestat ukoll f'isem Bonici Bros Ltd;

2. Il-kont bin-numru BOV 40024424525 li huwa intestat ukoll f'isem Bonnici Bros Services Ltd u Polidano Brothers Ltd; u
3. Il-kont bin-numru BOV 4024562209 li huwa wkoll intestat f'isem Schembri Barbros Ltd.

Ergo dawn il-kontijiet m'ghandhomx ikunu suggetti ghal dan il-mandat, galadarba, jikkontjenu flejjes li jappartjenu lil terzi.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Mandat ta' Sekwestru 611/2014 fl-ismijiet premessi, ghandu jigi revokat in kwantu ghat-tlett akkonti bankarji fuq indikati waqt illi ghandu jitnaqqas il-ghaliex huwa eccessiv, u cioe' is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf ewro (€125,000) ghandha tigi redotta ghal dik ta' erbgha u sittin elf ewro (€64,000).

Is-socjeta sekwestrata ghamlet ukoll talba sabiex il-Qorti timponi garanzija fuq is-socjeta sekwestranta ghaliex qed isofri danni minhabba l-mandat in kwistjoni.

Kif inghad fis-sentenza **Zarb vs Port Cottonera Limited** deciza fit-18 ta' Settembru 2002:

> ***"[i]l-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi."***

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Darmanin vs Cachia et** deciza fil-31 ta' Lulju 2007 illi:

> ***"…minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab***

***danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili.***"

Il-Qorti tqis illi fil-kaz in ezami ma ntwerietx kawza gusta ghall-imposizzjoni tal-garanzija il-ghaliex ma tressqux ragunijiet serji u impellanti illi jinducu lil din il-Qorti tordna is-sanzjonijiet mitluba u dana il-ghaliex minkejja illi l-mandat kien eccessiv ma jidhirx illi dan sar b'xi malizja u b'abbuz tal-proceduri legali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddiecedi billi tilqa limitatament it-talbiet tas-socjeta sekwestrata, b'dan illi tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru 611/2017 fl-ismijiet premessi fil-konfront tal-kontijiet bankarji segwenti:

1. Il-kont BOV numru 40023419256;
2. Il-kont BOV numru 40024424525;
3. Il-kont BOV numru 40024562209.

U tirrevoka parzjalment il-Mandat ta' Sekwestru 611/2017 fl-ismijiet premessi billi tirriducieh ghall-erbgha u sittin elf ewro (€64,000).

Il-Qorti tqis illi jkun gust u ghaqli fic-cirkostanzi li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**